

Brussell, 23 ta' Ottubru 2025  
(OR. en)

14416/25

|             |                |
|-------------|----------------|
| COPS 528    | CSC 536        |
| POLMIL 323  | ECOFIN 1406    |
| INDEF 124   | UEM 511        |
| EUMC 377    | COEST 764      |
| HYBRID 130  | ESPACE 70      |
| PROCIV 131  | POLMAR 66      |
| IND 454     | CYBER 295      |
| MAP 96      | TRANS 490      |
| COMPET 1061 | PESCO 19       |
| FISC 287    | CFSP/PESC 1517 |
| FIN 1244    | CSDP/PSDC 636  |
| EDA         |                |

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

|                |                                                                                                                                                                |
|----------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:          | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                      |
| lil:           | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                     |
| Nru dok. Cion: | JOIN(2025) 27 final                                                                                                                                            |
| Suġġett:       | KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW U LILL-KUNSILL<br>II-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument JOIN(2025) 27 final.

Mehmuż: JOIN(2025) 27 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-  
UNJONI GĦALL-  
AFFARIJET BARRANIN U L-  
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 16.10.2025  
JOIN(2025) 27 final

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-  
KUNSILL EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Il-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża**

## ***1 – Introduzzjoni***

Dak li jagħmlu l-Ewropa u l-Istati Membri tagħha matul il-bqija ta' dan id-deċennju se jsawwar is-sigurtà tal-kontinent għas-seklu kollu. Sal-2030, l-Ewropa teħtieġ pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħitha biżżejjed biex tiskoraġġixxi b'mod kredibbli lill-avversarji tagħha u twieġeb għal kwalunkwe aggressjoni. **Biex tkun “pronta għall-2030”, l-Ewropa jeħtieġ li taġixxi issa.** Din hija r-raġuni għaliex, fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE stiednu lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli “*biex jippreżentaw pjan direzzjonali*” “*biex jirrieżamina[w] [i]l-progress [dwar il-White Paper] fil-laqgħa tiegħu ta' Ottubru 2025 u jiddiskut[u] l-passi li jmiss fl-implimentazzjoni tal-oġettiv tiegħu ta' prontezza tad-difiża.*”

Dan il-Pjan Direzzjonali jsarraff il-White Paper u l-gwida pprovduta mill-Kunsill Ewropew f'oġettivi ċari, stadji importanti b'dati konkreti għar-riżultati tanġibbli, u indikaturi biex jiġi segwit il-progress. Huwa jipproponi inizjattiva ewlenija Ewropea f'oqsma tal-akbar urġenza, biex tiffoka l-isforzi, f'konformità mal-impenji internazzjonali, inklużi l-miri tan-NATO.

Il-prontezza tad-difiża tinvolvi l-iżvilupp u l-akkwist tal-**kapaċitajiet li huma meħtieġa għal gwerra moderna.** Dan ifisser l-iżgurar li l-Ewropa jkollha bażi industrijali tad-difiża li tagħtiha vantaġġ strateġiku u l-indipendenza meħtieġa. Dan ifisser ukoll li tkun pronta li twassal għal innovazzjoni mill-aktar avvanzata u produzzjoni rapida u tal-massa fi żminijiet kritiċi.

Il-ħtieġa li jiġihaffu u jiżdiedu l-isforzi tirrifletti l-perikli li qed jiżdiedu tal-lum, kif ukoll ix-**xenarju ta' theddid li qed jevolvi** li l-Ewropa u l-Istati Membri tagħha jridu jiffaċċjaw, jadattaw għalihom u jħejju għalihom. Dan jibda bl-aggressjoni militari mhux provokata u fuq skala kbira tar-Russja kontra l-Ukrajna, li qed tilħaq livelli ġodda ta' brutalità u vjolenza. Il-provokazzjonijiet imprudenti u l-atti ta' gwerra ibrida kontra l-Istati Membri, mill-attakki ċibernetiċi sal-ksur tal-ispazju tal-ajru qed jiżdiedu. Ir-Russja mmilitarizzat l-ekonomija u s-soċjetà tagħha. Fl-2025, il-baġit iddikjarat tagħha għad-difiża se jaqbeż is-7 % tal-PDG. Madwar 40 % tal-baġit tagħha fl-2025 huwa għas-sigurtà u għad-difiża. Din ir-**Russja** militarizzata **toħloq theddida persistenti għas-sigurtà Ewropea għall-futur prevedibbli.**

Il-prontezza tal-Ewropa trid tkun ibbażata fuq il-kuntest globali usa' b'approċċ ta' 360 °. Ma nistgħux ma nagħtux każ it-theddid minn partijiet oħra tad-dinja. L-ordni internazzjonali qed tiġi kkontestata. Il-kompetizzjoni strateġika qed tiżdied fil-viċinat immedjat u usa' tagħna, iżda wkoll ferm lil hinn. Minn Gaża u l-Lvant Nofsani għal diversi kunflitti latenti jew miftuħa fl-Afrika, minn tensjonijiet dejjem akbar fl-Asja-Paċifiku sal-Artiku, il-punti ta' fjamabbiltà qed jimmultiplikaw. L-Istati awtoritarji qed jinterferixxu dejjem aktar fis-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna. L-alleati u s-sħab tradizzjonali qed iċaqilqu l-enfasi tagħhom lejn reġjuni oħra tad-dinja. Fl-aħħar nett, irridu nrażżnu t-theddid orizzontali bħat-terroriżmu, il-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-konsegwenzi ta' sigurtà tat-tibdil fil-klima.

**Sabiex tiġi żgurata l-paċi permezz tad-deterrenza, il-pożizzjonament u l-kapaċitajiet tad-difiża tal-Ewropa jridu jkunu pronti wkoll għall-kampijiet tal-battalja ta' għada,** f'konformità man-natura dejjem tinbidel tal-gwerra. L-innovazzjoni teknoloġika u l-iterazzjoni — żviluppati b'veloċità u skala u li jibnu fuq soluzzjonijiet b'użu doppju — se

jiddettaw is-saħħa fil-kamp tal-battalja. Dawk li jiżviluppaw it-teknoloġiji tagħhom stess se jkunu l-aktar b'saħħithom u l-inqas dipendenti, b'mod partikolari għas-sistemi kritiċi tal-gwerra moderna, bħal droni, satelliti jew vetturi awtonomi. L-**Ukrajna** tibqa' l-ewwel linja ta' difiża tal-Ewropa u hija parti integrali mill-arkitettura tad-difiża u s-sigurtà tal-Ewropa, u l-UE se tkompli l-appoġġ u l-kooperazzjoni intensifikata mal-Ukrajna.

**L-Istati Membri jridu jattrezzaw lilhom infushom b'mod urġenti b'kapacià strateġika interoperabbli indipendenti**, żviluppata u miżmuma b'mod kollettiv, li tkun kapaċi tirrispondi f'ħin reali għal kwalunkwe theddida għall-integrità territorjali u s-sovranià tal-Ewropa. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikunu jistgħu jaġixxu b'mod indipendenti u jerfġu r-responsabbiltà għad-difiża u s-sigurtà tagħhom stess mingħajr ma jiddependu wisq fuq oħrajn. Huma għandhom jikkontribwixxu b'mod pożittiv għas-sigurtà globali u trans-Atlantika, fi sħubija mill-qrib man-NATO. Ewropa li tkun aktar pronta biex tiżgura d-difiża tagħha stess hija Ewropa aktar ikkoordinata man-NATO u aktar kapaċi tiegħu sehemha fl-alleanza trans-Atlantika. Fl-oqsma kollha ta' dan il-Pjan Direzzjonali, il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija kruċjali, peress li l-alleanza trans-Atlantika tibqa' pilastru indispensabbli tas-sigurtà tal-UE. Dan se jiżgura koerenza massima u tisħiħ reċiproku, filwaqt li jevita duplikazzjonijiet mhux meħtieġa.

Dan għandu jibni fuq il-ħidma li diġà nbdiet. **L-Ewropa qalbet il-paġna fuq għexieren ta' snin ta' nuqqas ta' investiment fid-difiża.** L-Istati Membri żiedu l-baġits tad-difiża minn EUR 218 biljun fl-2021 għal EUR 343 biljun fl-2024, li mistennija jilhqnu EUR 392 biljun fl-2025. L-investimenti fid-difiża żdiedu bi 42 % fl-2024, b'EUR 106 biljun allokati, u l-akkwist ta' tagħmir ġdid laħaq l-EUR 88 biljun. Ġew ippreżentati strumenti ġodda tal-UE, bħall-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea, u ġie pprovdut qafas strateġiku ġdid bil-White Paper għall-Prontezza tad-Difiża. L-aġenda ReArm Europe timmobilizza sa EUR 800 biljun għad-difiża, inkluż permezz ta' strumenti ġodda ta' finanzjament bħal SAFE. L-impenji ta' nfiq meħuda mill-Alleati fis-Summit tan-NATO ta' Ġunju 2025 biex tintlaħaq il-mira ewlenija l-ġdida tal-infiq fid-difiża ta' 3,5 % tal-PDG sal-2035 se jirrikjedu nefqa sostnuta fid-deċennju li jmiss ta' mill-inqas EUR 288 biljun addizzjonali kull sena. Din iż-żieda fl-infiq għandha tagħti l-frott f'termini ta' impjiegi, innovazzjoni u kompetittività fl-Ewropa.

**L-Istati Membri huma u se jibqgħu sovrani għas-sigurtà u d-difiża nazzjonali tagħhom.** Huma responsabbli għad-definizzjoni tal-oġġettivi tal-kapaċità meħtieġa biex tiġi żgurata l-prontezza tal-forzi armati nazzjonali tagħhom sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-missjonijiet strateġiċi militari tagħhom, inklużi dawk imwettqa fin-NATO. L-oġġettivi nazzjonali rispettivi tagħhom u l-iskedi ta' żmien assoċjati biex jinkisbu huma deċizzjoni sovrana.

Fl-istess ħin, ix-xenarju kumpless tat-theddid jindika l-ħtieġa li l-Istati Membri jaġixxu flimkien, aktar milli jifframentaw l-isforzi f'inizjattivi nazzjonali mhux koordinati. S'issa, xorta waħda inqas minn 50 % tat-tagħmir tad-difiża jiġi akkwistat fl-UE, u fil-biċċa l-kbira fil-livell nazzjonali filwaqt li fornituri mhux Ewropej kisbu sehem mis-suq.

Għalhekk, hemm ħtieġa ċara li ninvestu aktar, ninvestu flimkien u ninvestu fl-Ewropa.

## **2 – Xi tfisser il-prontezza tad-difiża?**

Il-kisba tal-prontezza sħiħa tad-difiża tfisser li l-Forzi Armati tal-Istati Membri jistgħu jantiċipaw, jippreparaw u jkunu kapaċi jirrispondu għal kwalunkwe kriżi relatata mad-difiża, inkluż gwerra ta' intensità għolja. Dan jeħtieġ forzi armati mġhammra tajjeb u

b'riżorsi li huma koerenti u interoperabbli, taħriġ adegwat u duttrina għall-użu tal-forza militari.


Fil-qosor, il-prontezza tal-Ewropa titlob li kollettivament tilħaq il-miri ta' kapacià bbażati fuq l-impenji meħuda mill-Istati Membri, inkluż fin-NATO.

Tiddependi wkoll fuq bażi industrijali u teknoloġika Ewropea b'saħħitha, reżiljenti u innovattiva. Din min-naħa tagħha teħtieġ il-qafas regolatorju t-tajjeb, suq fuq skala kontinentali, żieda fil-mobbiltà militari, aktar innovazzjoni u ħiliet, u network estiż ta' sħubijiet għad-difiża mal-alleati u s-sħab. F'sens usa', il-prontezza tad-difiża teħtieġ ukoll ambjent ċivili abilitanti robust, ibbażat fuq soċjetajiet reżiljenti, ċittadini ppreparati u infurmati tajjeb, u kooperazzjoni ċivili-militari msaħħa<sup>1</sup>. Filwaqt li jiffoka fuq il-kapaċitajiet, dan il-Pjan Direzzjonali jindirizza wkoll dawn il-kundizzjonijiet essenzjali l-oħra għall-prontezza tad-difiża tal-Ewropa.

Għandha l-għan li tiġbor flimkien il-ħidma mwettqa mill-Istati Membri fil-livelli nazzjonali, multinazzjonali u tal-UE, u l-proċessi mnedija mill-Kummissjoni permezz ta' strumenti relatati mad-difiża li għaddejjin bħalissa u dawk ġodda.

### ***3 – L-għeluq tal-lakuni fil-kapaċitajiet tal-Ewropa sal-2030: passi ewlenin u stadji importanti***

L-iżgurar li li l-Ewropa jkollha l-kapaċitajiet tal-ispettru kollha meħtieġa biex tiskoraġġixxi kwalunkwe aggressjoni u tiddefendi l-fruntieri tagħha bl-art, bl-ajru u bil-baħar, kif ukoll in-networks u l-assi tagħha fiċ-ċiberspazju u fl-ispace ekstratmosferiku huwa l-qalba tal-oġġettiv ta' prontezza. L-Istati Membri identifikaw l-oqsma ta' kapacià ta' prijorità inizjali li ġejjin:



#### ***Id-definizzjoni u t-traċċar tal-ħtiġijiet operazzjonali tal-Istati Membri***

It-tweġġ tal-oġġettiv konġunt tal-prontezza tad-difiża sal-2030 jeħtieġ approċċ sistemiku. L-interoperabbiltà u l-komplementarjetà massimi tal-kapaċitajiet militari miksuba huma essenzjali. L-Istat Maġġur tal-UE (EUMS, EU Military Staff) qed iwettaq ħarsa ġenerali klassifikata tas-sitwazzjoni attwali tal-kapaċitajiet u l-oġġettivi tal-Istati Membri. Dan jinkludi l-oqsma ta' kapacià ta' prijorità u jqis il-miri tan-NATO kif ukoll il-ħtiġijiet tal-

<sup>1</sup> L-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza (JOIN (2025) 130: Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza, is-26 ta' Marzu 2025) għalhekk tikkomplementa dan il-Pjan Direzzjonali.

Ukrajna. Il-ħarsa ġenerali se tagħti għarfien kwantitattiv dwar in-nuqqasijiet eżistenti fil-kapaċità fl-ispettru sħiħ tal-operazzjonijiet militari, inkluż id-difiża territorjali.

Il-ħarsa ġenerali se tiġi aġġornata fuq bażi annwali u se tiġi integrata fir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża ppreparat mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA, European Defence Agency) u appoġġat mill-EUMS. Dan se jiżgura r-rabta bejn l-analiżi tan-nuqqasijiet fil-kapaċità militari u l-oqsma ta' kapaċità ta' prijorità għall-akkwist u l-iżvilupp. Il-Kaprijiet tal-Istaff tad-Difiża se jirrieżaminaw regolament f'kuntest klassifikat l-eżitu tal-analiżi biex jinfurmaw aktar ħidma mid-Diretturi Nazzjonali tal-Armamenti u d-Diretturi tal-Kapaċitajiet dwar is-soluzzjonijiet proposti. Għalhekk huwa kruċjali li l-Istati Membri jkomplu jikkondividu informazzjoni aggregata dwar l-oġettivi u l-progress tagħhom mal-EUMS. Minkejja li hija kklassifikata, din l-informazzjoni se tippermetti li l-progress kollettiv jiġi mmonitorjat f'konformità mal-Pjan Direzzjonali tL-iżgurar li li l-Ewropa jkollha l-kapaċitajiet tal-ispettru kollha meħtieġa biex tiskoraġġixxi kwalunkwe aggressjoni u tiddefendi l-fruntieri tagħha bl-art, bl-ajru u bil-baħar, kif ukoll in-networks u l-assi tagħha fiċ-ċiberspazju u fl-ispazju ekstrasferiku huwa l-qalba tal-oġettiv ta' prontezzaa' Prontezza 2030.

Filwaqt li jibnu fuq dan il-proċess, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli se jippreżentaw Rapport Annwali dwar il-prontezza tad-Difiża lil kull Kunsill Ewropew ta' Ottubru. Huwa se jiffoka fuq is-sitwazzjoni aggregata fil-livell tal-UE għall-oqsma ta' kapaċità prijoritarji maqbula, u l-kwistjonijiet l-oħra stabbiliti f'dan il-Pjan Direzzjonali. Ir-Rapport se jipprovdi aġġornament dwar il-progress kollettiv fl-indikaturi ewlenin kollha li huma proposti f'dan il-Pjan Direzzjonali u se jiġi kkonsultat mal-Istati Membri. Ir-Rapport se jippermetti lill-Mexxejja jirrieżaminaw l-progress kollettiv fuq din il-bażi u jipprovdu gwida strateġika għad-diskussjonijiet tal-Ministri tad-Difiża fil-Kunsill Affarijiet Barranin fil-format ta' Difiża.

#### *Żvilupp tal-kapaċitajiet permezz tal-Koalizzjonijiet tal-Kapaċitajiet tal-Istati Membri*

Iċ-ċavetta għall-prontezza tad-difiża tal-Ewropa hija li telimina n-nuqqasijiet kritiċi eżistenti fil-kapaċità billi tiżviluppa u takkwista mezzi ta' difiża fl-oqsma ta' prijorità kollha miftiehma.

Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom ilestu malajr il-proċess li għaddej tal-formazzjoni tal-Koalizzjonijiet tal-Kapaċitajiet tal-Istati Membri. Huma għandhom jagħtu dettalji dwar liema Stati Membri se jindirizzaw liema nuqqasijiet u jaqblu dwar il-governanza ta' kull koalizzjoni, ir-rwol tan-nazzjonijiet gwida u kogwidi, l-oġettivi ta' kapaċità u l-proġetti kollaborattivi li għandhom jitnedew biex dawn jintlaħqu. Fi ħdan dawn il-koalizzjonijiet, l-Istati Membri dejjem se jibqgħu sovrani meta jiddeċiedu r-rwol u l-kontribut tagħhom. Filwaqt li tibni fuq il-Pjanijiet Direzzjonali ta' Implimentazzjoni Prijoritarji eżistenti mmexxija mill-EDA<sup>2</sup>, kull koalizzjoni tal-kapaċità għandha tistabbilixxi oġettivi u skedi ta' żmien speċifiċi.

Il-Koalizzjonijiet tal-Kapaċitajiet għandhom jibqgħu miftuħa għal Stati Membri oħra li jixtiequ jissiehu fi stadju aktar tard. It-tmexxija konġunta għandha tiġi mħeġġa biex tiżgura s-sjieda tal-Istati Membri u l-kondiviżjoni xierqa tal-piżijiet. Kull koalizzjoni tista'

---

<sup>2</sup> Kull wieħed mit-22 qasam identifikat fil-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet (Novembru 2023) għandu pjan direzzjonali.

tuża waħda jew aktar mill-għodod disponibbli fl-EDIP<sup>3</sup> biex tiskatta appoġġ immirat tal-UE għal proġetti ewlenin, kif ukoll proġetti ġodda possibbli tal-PESCO. Il-linji gwida orizzontali jistgħu jiffaċilitaw il-ħidma ta' dawn il-koalizzjonijiet, fir-rigward tar-rwol tan-nazzjonijiet gwida, ir-relazzjonijiet bejn il-kogwidi jekk ikun meħtieġ, is-sħubija, il-pjan ta' implimentazzjoni, ir-rabta mal-atturi tal-UE u l-mekkaniżmu ta' rapportar.

**Il-proċessi eżistenti għandhom jintużaw kemm jista' jkun.** Taħt il-gwida tal-Istati Membri, l-EDA se jkollha rwol ċentrali biex tiffaċilita l-proċess tal-Koalizzjoni, b'mod partikolari permezz tal-gruppi ta' esperti tal-Kapaċitajiet. Il-ħidma tal-EUMS fuq nuqqasijiet ta' kapaċità se tinforma wkoll il-proċess. Il-Kummissjoni se tiżgura r-rabta bejn il-koalizzjonijiet u l-istrumenti u l-politiki ta' finanzjament tal-UE. Il-Kunsill Affarijiet Barranin f'format ta' Difiża se jiżgura direzzjoni politika. Minħabba l-urġenza, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw ir-rapport tagħhom lill-Kunsill sal-bidu tal-2026.

Il-mobilizzazzjoni rapida tal-Istrument **SAFE** il-ġdid u għodod oħra tal-UE u nazzjonali se tkun vitali biex jiġi żgurat l-akkwist f'waqtu tal-kapaċitajiet l-aktar importanti fil-koalizzjonijiet – kemm jista' jkun b'mod konġunt. Din tirrikjedi ħidma rapida, peress li r-**Regolament SAFE** jistabbilixxi skadenzi stretti, li jridu jiġu rispettati biex jibqgħu fit-triq it-tajba għall-2030.

Varjabbli kruċjali se jkun il-grad sa fejn l-Istati Membri jistgħu jikkoordinaw il-ħtiġijiet, jaggregaw id-domanda u jorganizzaw l-**akkwist konġunt**. L-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża jibqa' fil-biċċa l-kbira nazzjonali. Dan iwassal għal frammentazzjoni, inflazzjoni tal-kostijiet u nuqqas ta' interoperabbiltà. Fl-2007, l-Istati Membri qablu li jiddedikaw 35 % tal-investiment tagħhom fid-difiża għall-akkwist kollaborattiv<sup>4</sup>. Madankollu, għadu taħt l-20 %. **L-ingranaġġ dejjem akbar tal-investiment fid-difiża lejn l-akkwist konġunt** se jkun fattur ewlieni għall-prontezza, peress li l-aggregazzjoni tad-domanda u l-ekonomiji ta' skala se jgħinu biex tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tad-difiża Ewropea u titrawwem l-interoperabbiltà. L-aggregazzjoni tad-domanda Ewropea se tnaqqas il-kostijiet billi tevita li l-Istati Membri jisbqu lil xulxin u se ttejjeb il-kapaċità tal-akkwist ġenerali tagħhom. Din se ssaħħa ukoll l-effetti fuq l-iskala u tappoġġa l-isforzi li għaddejjin biex kollettivament jiġu żgurati u jiżdiedu n-nodi tal-produzzjoni u l-ktajjen tal-provvista ewlenin.

## Objettivi:

Huwa propost li l-Istati Membri għandhom kollettivament jimlew in-nuqqasijiet fil-kapaċità sal-2030. Barra minn hekk, is-sehem tal-akkwist konġunt għandu jikkonverġi lejn il-mira miftiehma ta' 35 % u l-investiment fid-difiża akkwistat mill-EDTIB għandu jilħaq il-mira politika ta' mill-inqas 55 % tal-investiment totali.

## Stadji importanti:

1. Jistabbilixxu Koalizzjonijiet tal-Kapaċitajiet fl-oqsma ta' prijorità kollha, jiddeċiedu dwar in-nazzjonijiet gwida u kogwidi, u dwar il-pjanijiet ta' implimentazzjoni rispettivi sal-2030 — sal-ewwel trimestru tal-2026

<sup>3</sup> Perez. Proġett Ewropew għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCI, European Defence Project of Common Interest) jew Strutturi għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti (SEAP, Structures for European Armament Programmes) meta jkunu fis-seħħ.

<sup>4</sup> Fl-Aġenzija Ewropea għad-Difiża. Fl-2017, sar impenn aktar vinkolanti tal-PESCO.

2. Jiġbru data inizjali dwar il-kapaċità industrijali tad-difiża tal-UE fl-oqsma ta' mezzi ta' prijorità, appoġġata mill-Kummissjoni kif xieraq — sa nofs l-2026
3. Iniedu proġetti fl-oqsma prijoritarji kollha fl-ewwel nofs tal-2026
4. Jorganizzaw mill-inqas 40 % tal-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża bħala akkwist konġunt — sa tmiem l-2027
5. Jiżguraw li l-proġetti, il-kuntratti u l-finanzjament ikunu fis-seħħ biex jingħalqu n-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità fl-oqsma prijoritizzati — sa tmiem l-2028
6. Jirċievu l-akkwisti kollha ffinanzjati mis-SAFE, li jikkontribwixxu biex jingħalqu n-nuqqasijiet kollha fil-kapaċità fl-oqsma prijoritizzati — sa tmiem l-2030

### **Indikaturi:**

Huwa propost li r-Rapport Annwali dwar il-Prontezza tad-Difiża jimmonitorja l-evoluzzjoni tan-nuqqasijiet Militari kollettivi tal-UE għal kull qasam ta' kapaċità ta' prijorità (meta mqabbel mas-sena preċedenti) u l-ġhadd ta' proġetti mnedija u l-kapaċitajiet akkwistati għal kull qasam ta' prijorità, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-EUMS u l-EDA.

### ***4 – It-tnedija ta' Inizjattivi Ewlenin Ewropej ta' Prontezza***

Filwaqt li huwa meħtieġ progress fl-oqsma kollha tal-mezzi tad-difiża, hemm hteġa uġenti li jsir investiment massiv u koordinat fi proġetti pan-Ewropej li se jipproteġu lill-Ewropa kollha kemm hi kontra dak it-tneħħid uġenti.

Għalhekk, il-Kummissjoni u r-RGħ/VP jipproponu **sett inizjali ta' Inizjattivi Ewlenin Ewropej ta' Prontezza** li huma pan-Ewropej min-natura tagħhom. Dawn se jkunu ta' benefiċċju għas-sigurtà tal-Ewropa kollha kemm hi u se jsaħħu lil xulxin: **l-inizjattiva Ewropea għad-Difiża tad-Droni, l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant, it-Tarka tal-Ajru Ewropea u t-Tarka Spazjali Ewropea**.

Dawn se jkunu miftuħa għall-Istati Membri kollha li jixtiequ jipparteċipaw. L-inizjattivi ewlenin huma ta' natura trażversali u jimplikaw progress f'diversi oqsma ta' kapaċità u f'setturi lil hinn mid-difiża ewlenija. Il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna se jkunu ta' importanza partikolari.

L-Istati Membri se jiddeċiedu dwar dawn l-inizjattivi ewlenin, kif ukoll dwar oħrajn addizzjonali possibbli (pereż. ċibernetiċi, marittimi...). Dawn se jkunu l-ixpruni ta' dawn l-inizjattivi, filwaqt li jaqblu kif jidhrilhom xieraq dwar l-oġettivi konkreti, id-distribuzzjoni tal-kompiti, l-allokazzjoni tal-fondi tal-baġits nazzjonali, u l-aktar qafas xieraq biex dawn jintlaħqu.

Il-Kummissjoni se taġixxi bħala faċilitatur, billi tipprovdi servizz ta' “punt uniku ta' servizz” biex tagħti assistenza teknika u pariri lill-Istati Membri dwar kif għandhom jorbtu l-azzjonijiet nazzjonali mal-ġhodod u l-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli tagħha (inklużi l-fondi reġjonali), filwaqt li tiżgura l-konsistenza u l-kontinwità fost il-linji ta' ħidma differenti. Ir-Rappreżentant Għoli, permezz tas-SEAE, l-EUMS u l-EDA, se jipprovdi pariri lill-Istati Membri u jiżgura li l-Inizjattivi Ewlenin jappoġġaw oqsma ta' kapaċitajiet prijoritarji miftiehma, ikunu allinjati mal-oġettivi ta' żvilupp tal-kapaċitajiet fit-tul u jkunu koerenti mal-pjanijiet militari tan-NATO.

Sar-rebbiegħa 2026, l-Istati Membri parteċipanti għandhom jaqblu dwar l-arranġament ta' koordinazzjoni xieraq, bl-appoġġ mill-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u atturi oħra



tal-UE, inkluża l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża. Il-progress fuq kull inizzjattiva ewlenija se jiġi mmonitorjat fir-Rapport Annwali dwar il-Prontezza tad-Difiża.

### *L-inizzjattiva Ewropea għad-Difiża tad-Droni u l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant*

Il-ksur ripetut reċenti tal-ispazju tal-ajru tal-Istati Membri tal-UE wera l-urġenza li tinholq kapaċità Ewropea flessibbli, aġli u tal-ogħla livell biex jiġu miġġielda l-vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord. Filwaqt li l-Istati Membri tal-fruntiera tal-Lvant jiffaċċjaw l-akbar theddida diretta mir-Russja u l-Belarusja, tali theddida tista' tilħaq lil kwalunkwe Stat Membru, kif muri minn inċidenti reċenti.

L-inizzjattiva Ewropea għad-Difiża tad-Droni se titfassal b'approċċ ta' 360 °, bħala sistema b'diversi saffi u teknoloġikament avvanzata b'kapaċitajiet interoperabbli kontra d-droni għad-detezzjoni, it-traċċar u n-newtralizzazzjoni, kif ukoll kapaċitajiet biex jintlaqtu l-miri tal-art billi tiġi ingranata t-teknoloġija tad-droni għal strajks ta' preċiżjoni. Il-kapaċità tal-kontrodrone għandha tkun interoperabbli u konnessa bis-siġħ fost l-Istati Membri li jipprovdu għarfien tas-sitwazzjoni Ewropea u l-kapaċità li jaġixxu flimkien u jiżguraw infrastruttura kritika flimkien man-NATO.

Dawn il-kapaċitajiet Ewropej kontra d-droni għandhom jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda mill-Ukrajna dwar il-valur ewlieni tal-ħolqien ta' ekosistemi innovattivi tad-droni u kontra d-droni, li jorbtu r-R&Ż mal-produzzjoni, u jiddependu fuq kapaċità ta' produzzjoni skalabbli u żvilupp teknoloġiku kontinwu. Din hija l-opportunità għall-Ewropa li titgħalliem il-mod Ukren biex twettaq innovazzjoni teknoloġika militari, u se tkun marbuta mal-Alleanza tad-Droni proposta mal-Ukrajna. In-network kontra d-droni se jkun adattabbli għal skopijiet ta' użu ċivili-militari u doppju u se jgħin biex jiġu indirizzati theddid mhux relatat mad-difiża jew perikli oħra komuni għal kull fruntiera tal-UE. Dan jinkludi l-protezzjoni tal-fruntieri, l-użu tal-migrazzjoni bħala arma, il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika u l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali.

Il-kapaċitajiet kontra d-droni se jiffurmaw komponent ewlieni tal-inizzjattiva ewlenija Għassa tan-Naħa tal-Lvant, li għandha l-għan li tibni l-kapaċità tal-Istati Membri fil-fruntiera tal-Lvant biex jiffaċċjaw firxa wiesgħa ta' theddid, inkluż ukoll operazzjonijiet ibridi, il-flotta mistura tar-Russja u r-riskju ta' aggressjoni armata. Hija għandha l-għan li ssaħħa il-fruntieri tal-Lvant tal-UE bl-art, l-ajru u l-baħar, filwaqt li tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-Unjoni kollha.

L-Għassa tan-Naħa tal-Lvant se tintegra s-sistemi ta' difiża tal-ajru u ta' kontra d-droni b'sett ta' sistemi ta' difiża fuq l-art b'sigurtà marittima fil-Baħar Baltiku u fil-Baħar l-Iswed u sistemi għal aktar għarfien tas-sitwazzjoni, kif ukoll is-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-fruntieri. L-Għassa tan-Naħa tal-Lvant għandha tkun allinjata bis-siġħ maċ-Ċentru tal-UE tas-Sigurtà Marittima tal-Baħar l-Iswed u l-istruttura integrata ta' kmand u kontroll tan-NATO, u komplementari għall-Operazzjoni "Eastern Sentry", il-Pulizija bl-Ajru tal-Baltiku, u l-Forzi ta' Preżenza Msaħħa. Din se tgħin biex jiġu żviluppati b'urġenza massima elementi li se jiġu estenzi u integrati fi proġett usa' fuq skala Ewropea.

### **Objettivi:**

Qed jiġi propost li jkun hemm l-għan li tiġi stabbilita kapaċità komprensiva ta' difiża tal-fruntieri Ewropej b'sistemi ta' sorveljanza f'diversi dominji, kapaċitajiet tad-droni u ta' kontra d-droni, kapaċitajiet ta' gwerri elettronika, sistemi ta' strajk ta' preċiżjoni, u koordinazzjoni operazzjonali reattiva. Kollha f'kooperazzjoni mill-qrib man-NATO u

komplementari mal-pjanijiet reġjonali tagħha għad-difiża territorjali. Għandha tiġi żviluppata Għassa tan-Naħa tal-Lvant fl-Istati Membri kollha tul il-fruntiera tal-Lvant tal-UE, inkluż b'kont meħud tal-fruntiera tal-art u tal-baħar mar-Russja u l-Belarusja, biex jikkontribwixxi għaż-żieda fid-difiża Ewropea.

#### **Stadji importanti:**

1. L-EUCO japprova l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża tad-Droni u l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant bħala inizjattivi ewlenin ta' prijorità — sa tmiem l-2025
2. Tnedija tal-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża tad-Droni u l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant — l-ewwel trimestru tal-2026
3. L-ewwel EDIP jappella għal skalar tal-produzzjoni u appoġġ għall-akkwist komuni. L-ewwel pagamenti ta' prefinanzjament fil-qafas SAFE għall-parti tal-proġetti tal-Inizjattivi Ewlenin — l-ewwel trimestru tal- 2026
4. Kapaċità inizjali tal-inizjattiva Ewropea għad-Difiża tad-Droni u tal-Għassa tan-Naħa tal-Lvant — sa tmiem l-2026
5. Funzjonament sħiħ tal-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża tad-Droni – sa tmiem l-2027
6. Funzjonament tal-Għassa tan-Naħa tal-Lvant — sal-aħħar tal-2028

Filwaqt li l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant u d-Difiża Ewropea tad-Droni huma l-aktar urġenti, il-ħidma għandha tiġi aċċellerata biex tiġi żviluppata **Tarka tal-Ajru Ewropea** biex tinkiseb protezzjoni integrata u b'diversi saffi tad-difiża kontra attakki mill-ajru u l-missili għall-Istati Membri, kompletament interoperabbli mas-sistema ta' Kmand u Kontroll tan-NATO, kif ukoll fuq **Tarka Spazjali Ewropea** biex jiġu żgurati l-protezzjoni u r-reżiljenza tal-assi u s-servizzi spazjali.

#### *Tarka tal-Ajru Ewropea*

L-inizjattiva Ewlenija Integrata tat-**Tarka tal-Ajru Ewropea** se tipproteġi l-ispazju tal-ajru u l-funzjonijiet statali tal-Istati Membri. Il-programmi tal-UE se jappoġġaw lill-Istati Membri biex jiksibu tarka ta' difiża kontra attakki mill-ajru u l-missili integrata u b'diversi saffi, inkluż sensuri meħtieġa, li tipproteġi kontra l-ispettru sħiħ tat-theddid mill-ajru u li tkun kompletament interoperabbli mas-sistema ta' Kmand u Kontroll tan-NATO. Din se tgħin lill-Forzi Armati tal-Istati Membri jnaqqsu d-dipendenzi u jappoġġaw lill-Alleati fil-kisba tal-miri tan-NATO tagħhom.

#### **Objettiv:**

Qed jiġi propost li tinholq Tarka tal-Ajru Ewropea li tkopri l-ispettru kollu tad-Difiża kontra attakki mill-Ajru u l-Missili li hija kompletament interoperabbli mas-sistema u d-duttrina ta' Kmand u Kontroll tan-NATO.

#### **Stadji importanti:**

1. L-EUCO japprova t-Tarka tal-Ajru Ewropea bħala inizjattiva ewlenija ta' prijorità — sa tmiem l-2025
2. Tnedija tat-Tarka tal-Ajru Ewropea - it-tieni trimestru tal-2026
3. Programmi ta' ħidma tal-EDF u tal-EDIP biex jagħtu prijorità lill-azzjonijiet relatati mad-Difiża kontra attakki mill-Ajru u l-Missili — sa tmiem l-2026

#### *Tarka Spazjali Ewropea*

**It-Tarka Spazjali Ewropea hija kruċjali biex** jissaħħu l-kapaċitajiet ta' difiża tal-Istati Membri u jiġu żgurati l-**protezzjoni u r-reżiljenza tal-assi u s-servizzi spazjali** kontra theddid li qed jikber u biex tinkiseb il-prontezza tad-difiża 2030 li tibni fuq l-assi spazjali nazzjonali u kummerċjali, bl-appoġġ tas-sistemi spazjali tal-UE. Din se tikkomplementa l-kapaċitajiet Spazjali tal-UE b'użu doppju li se jipprovdu servizzi governattivi għall-benefiċċju tal-Istati Membri kollha fi: l-Pożizzjonament, Navigazzjoni u Żmien mas-Servizz Pubbliku Regolat ta' Galileo, l-intelligence ġeospazjali mas-Servizz Governattiv għall-Osservazzjoni tad-Dinja u l-komunikazzjonijiet siguri mal-IRIS<sup>2</sup> biex l-Istati Membri jiġu inċentivati jiżviluppaw flimkien kapaċitajiet sovrani. Din se trawwem l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża nazzjonali interoperabbli, b'enfasi partikolari fuq it-tagħmir attiv minn Galileo, l-Għarfien tad-Dominju Spazjali, il-ġlieda kontra l-imblukkar u l-ispoofing, u l-operazzjonijiet u s-servizzi fl-ispace, fejn l-Ewropa għandha nuqqasijiet u dipendenzi ċari.

### **Objettiv:**

Qed jiġi propost li tiġi stabbilita u protetta sistema Ewropea komprensiva ta' kapaċitajiet spazjali li jaqdu skopijiet ta' difiża, li tibni fuq is-sistemi spazjali tal-UE u l-kapaċitajiet nazzjonali eżistenti.

### **Stadji importanti:**

1. L-EUCO japprova t-Tarka Spazjali Ewropea bħala inizjattiva ewlenija ta' prijarità – sa tmien l-2025.
2. Jipprijoritizza azzjonijiet relatati fil-programmi ta' ħidma Spazjali, IRIS, FEŻ u EDIP f'approċċ koordinat u jaħdmu mal-Istati Membri biex jappoġġaw il-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' akkwist tagħhom (SAFE) – mill-2026
3. It-tnedija tat-Tarka Spazjali Ewropea – it-tieni trimestru tal-2026

## **5 – Id-dimensjoni industrijali tad-difiża**

Bażi industrijali b'saħħitha, reżiljenti u teknoloġikament innovattiva, bl-għeruq tagħha fl-UE, hija komponent ewlieni tad-deterrenza tal-Ewropa u kemm tas-sigurtà fiżika kif ukoll dik ekonomika tagħha. Hija wkoll mutur għat-tkabbir, minħabba d-daqs tas-suq tal-UE, il-potenzjal tal-impjieg u l-effetti kollaterali fuq l-ekonomija usa'. L-ispinta biex jingħalqu l-lakuni fil-kapaċitajiet trid tkun opportunità għall-industrija tad-difiża tal-UE biex iżżid il-kompetittività tagħha, tikkoopera aktar u tħaddan l-innovazzjoni, tippożizzjona lilha nnifisha fil-fruntiera teknoloġika u tagħti spinta lill-potenzjal tal-esportazzjoni. Din trid tkun ta' benefiċċju għall-kumpaniji kollha fil-katina tal-provvista, b'mod partikolari l-kumpaniji start-ups, il-kumpaniji scale-ups, l-SMEs u l-Mid-Caps, u trid tkun ta' benefiċċju wkoll għall-ekonomiji reġjonali u għall-Istati Membri iżgħar.

Erba' snin ta' gwerra fl-Ukraina wrew kemm huwa kruċjali li jkun hemm biżżejjed ħażniet ta' munizzjon u tagħmir, li jkun hemm linji ta' produzzjoni li jistgħu jespandu malajr u jergħu jiġu fornuti, u li jkun hemm ktajjen tal-provvista sinkronizzati sew. L-investment pubbliku u privat irid irawwem l-espansjoni tal-ekosistemi industrijali fil-5 snin li ġejjin, b'benefiċċji għall-ekonomiji reġjonali.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinsab lesta li tipprovdi lill-industrija bi gwida dwar il-kompetizzjoni dwar proġetti ta' kooperazzjoni fis-settur tad-difiża. Il-Kummissjoni qed timpenja ruħha wkoll mal-Istati Membri biex tivvaluta jekk għandhiex timmodernizza l-

approċċ tagħha skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fis-settur u possibbilment tipprovdi gwida.

Biex tgħaqqad aħjar il-progress biex jingħalqu l-lakuni fil-kapaċità maż-żieda tal-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ewropea (EDTIB, Defence Technological and Industrial Base), il-Kummissjoni se **tapprofondixxi l-fehim tagħha tal-kapaċità tal-produzzjoni industrijali Ewropea attwali u ppjanata**, billi kull sena tiffoka fuq prijoritajiet magħżula. Dan se jibda bid-difiża kontra attakki mill-ajru u l-missili, bis-sistemi tad-droni/kontra d-droni u bis-sistemi spazjali.

L-Istati Membri għandhom jisfruttaw is-setgħa tax-xiri konġunt tagħhom permezz ta' **programmi ta' akkwist pluriennali** biex jibagħtu s-sinjali xierqa fit-tul biex jgħinu lin-negozji jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment dwar l-espansjoni tal-produzzjoni u jwasslu dak li huwa meħtieġ biex jingħalqu l-lakuni fil-kapaċità. Koordinazzjoni akbar ta' dawn il-programmi tnaqqas il-frammentazzjoni, issaħħaħ l-interoperabbiltà tant meħtieġa, u tiżgura l-valur għall-flus.

**L-innovazzjoni hija komponent kritiku tal-prontezza tad-difiża tal-Ewropa**. It-teknoloġiji fixkiela, l-ittestjar rapidu tagħhom u l-inkorporazzjoni tagħhom fil-kapaċitajiet tad-difiża u l-kooperazzjoni agħli mal-komunità tat-teknoloġija huma essenzjali għall-gwerra moderna. Għalhekk, il-finanzjament tal-UE se jkun dirett biex jistimula l-investiment fir-R&Ż u l-produzzjonijiet industrijali innovattivi, filwaqt li jikkatalizza investiment privat addizzjonali u jippromwovi kumpaniji start-ups b'użu doppju, kumpaniji scale-ups u SMEs innovattivi u Mid-Caps. Jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll proċeduri ta' akkwist simplifikati għal kumpaniji start-ups u SMEs. Ir-rieżami reċenti ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni jipprovdi inċentivi biex il-finanzjament ta' koeżjoni jiġi pprogrammat mill-ġdid lejn l-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża. Il-**Fond tal-UE għall-Kompetittività** futur se jiffoka fuq teknoloġiji ġodda u soluzzjonijiet fixkiela minn atturi teknoloġiċi ġodda, inklużi kumpaniji scale-ups, l-SMEs u l-Mid-Caps. Il-**Programm Qafas Orizzont Ewropa** futur u b'mod partikolari l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni tiegħu, se jappoġġa t-teknoloġija profonda u l-innovazzjoni fixkiela mir-riċerka għall-fażi scale-up, inkluż dwar l-applikazzjonijiet tad-difiża. Il-**Pjan Direzzjonali Ewropew għat-Trasformazzjoni tad-Difiża** se jipprovdi qafas għal dan u se jiġi ppreżentat sal-aħħar ta' Novembru. Se jipproponi modi ġodda biex tingħata spinta lill-innovazzjoni mal-industrija tad-difiża, inklużi l-kumpaniji scale-ups u l-SMEs, xprunati mill-ħtieġa għal aġilità, veloċità u teħid ta' riskji akbar.

L-Ewropa trid tiżgura li tibqa' quddiem il-kurva tat-teknoloġija tad-difiża, b'mod partikolari dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali. Irridu **nsaħħu l-investiment u l-innovazzjoni fil-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża tal-Ewropa**, b'mod partikolari fir-rigward tal-produzzjoni ta' sistemi kritiċi għal gwerra moderna – kemm jekk droni, satelliti ta' kmand u kontroll jew cloud Ewropew sigur – fejn l-IA se tkun fattur determinanti għall-kapaċità tagħna li nipproduċu l-mezzi meħtieġa.

Għalhekk, biex tappoġġa dawn l-isforzi, il-Kummissjoni Ewropea se **taċċellera s-simplifikazzjoni** biex tiżgura aċċess għal settijiet ta' data rilevanti għat-taħriġ u l-validazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-IA robusti, iċċentrati fuq il-bniedem u affidabbli, u tnaqqas il-piż amministrattiv, inkluż permezz ta' miżuri ġodda possibbli ta' simplifikazzjoni.

Sħubija ġdida bejn l-UE, il-gvernijiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati fis-settur tad-difiża għandha tinfexx l-isforzi ta' prontezza kollettiva. Filwaqt li jibni fuq id-djalogu bejn il-Kummissjoni u l-industrija tad-difiża Ewropea, **Summit annwali tal-Industrija tad-Difiża** għandu jinvolvi l-gvernijiet, l-atturi tal-UE, il-primes, il-SMEs, il-mid-caps u l-innovaturi tat-teknoloġija.

L-industrija tad-difiża Ewropea tehtiegħ ħaddiema tas-sengħa. Fi ħdan il-**Patt għall-Ħiliet**, is-**Sħubija dwar il-Ħiliet fuq Skala Kbira fl-Ajruspazju u d-Difiża** qed taħdem fuq it-tbassir tal-ħiliet, fuq programmi ta' tiġdid u titjib tal-ħiliet u fuq l-involviment tat-talenti, biex tappoġġa lill-Istati Membri biex iħarrġu mill-ġdid 600 000 persuna għall-industrija tad-difiża sal-2030. Il-Garanzija tal-Ħiliet tal-UE tista' tgħin ukoll lill-ħaddiema fi tranżitu minn setturi f'riskju għal setturi strateġiċi, bħall-industrija tad-difiża.

**Il-manifattura tad-difiża tiddependi wkoll fuq l-aċċess sigur għall-materja prima kritika.** Id-dipendenzi strateġiċi u l-konġestjonijiet fil-materja prima u l-komponenti kritiċi jridu jiġu indirizzati. L-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi se jipproduċi analiżi tar-riskju li se tiffurma l-bażi għal miżuri mmirati ċari biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet. Dawn jistgħu jinkludu li l-industrija tingħata l-possibbiltà li tikseb appoġġ għal proġetti li jiżguraw il-provvista, pereżempju permezz ta' riċerka dwar alternattivi jew permezz ta' kumulazzjoni ta' riżerva, jew proġetti oħra skont l-Att dwar il-Materja Prima Kritika.

**Il-promozzjoni ta' sħubijiet dwar is-sigurtà u d-difiża** ma' pajjiżi tal-istess fehma hija essenzjali għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet, l-interoperabbiltà, l-innovazzjoni u l-prontezza industrijali tad-difiża tagħna kif ukoll għad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-materja prima jew tal-komponenti kritiċi. F'konformità mal-White Paper, l-UE ħadet passi konkreti biex tavvanza l-aġenda ta' sħubija tagħha fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ma' alleati u sħab tal-istess fehma, b'mod partikolari n-NATO, li magħhom l-EDA se ssegwi arranġament tekniku għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata. Dan il-mudell huwa pijunier mar-**Renju Unit** u l-**Kanada**, li magħhom qed jiġu nnegożjati ftehimiet bilaterali biex l-industriji u l-prodotti tad-difiża rispettivi tagħhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn akkwist konġunt taħt l-istrument SAFE. Il-koooperazzjoni industrijali fil-qasam tad-difiża hija wkoll fiċ-ċentru tad-Djalogi Industrijali dwar id-Difiża mal-Ġappun u, potenzjalment fil-futur, mal-Indja. L-UE għandha wkoll tapprofondixxi s-sħubija tagħha għas-sigurtà u d-difiża mal-Moldova.

## Objettivi:

Qed jiġi propost li jiġi żgurat li sal-2030 l-EDTIB tkun tista' tipprovdi l-kapaċitajiet li l-Istati Membri jeħtieġu fl-iskala u fil-veloċità meħtieġa. Il-linji tal-produzzjoni għandhom jiżdiedu b'mod sostanzjali u l-ħinijiet tal-konsenja għall-materjal kritiku tad-difiża għandhom jitnaqqsu b'mod sinifikanti. Għandu jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-innovazzjoni għad-difiża, inklużi s-soluzzjonijiet Ukreni. Għandha tiġi żgurata r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista tad-difiża, inkluż billi jitnaqqsu d-dipendenzi kritiċi fil-materja prima u inputs kritiċi oħra.

## Stadji importanti:

1. Il-koleġiżlaturi jadottaw il-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea. Il-Kummissjoni tippreżenta l-Pjan Direzzjonali Ewropew għat-Trasformazzjoni tad-Difiża – Novembru 2025

2. Il-Kummissjoni tistabbilixxi Alleanzi Teknoloġiċi għad-Difiża li jgħaqqdu l-innovaturi tat-teknoloġija mal-utenti tad-difiża fl-Istati Membri biex tgħinhom jindirizzaw lakuni kritiċi fil-kapaċità - sa tmiem l-2025
3. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib man-nazzjonijiet gwida tal-koalizzjonijiet tal-kapaċità, tespandi d-djalogu strateġiku mal-industrija fl-ewwel nofs tal-2026 u tospita l-ewwel Summit annwali dwar l-Industrija tad-Difiża sa nofs l-2026
4. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta ħarsa ġenerali taż-żieda fil-kapaċità industrijali meħtieġa biex tiżgura provvista affidabbli għall-oqsma ta' kapaċità miftiehma – minn nofs l-2026
5. Analiżi tar-riskji li jirriżultaw minn dipendenzi strateġiċi u ostakli fil-materja prima kritika u Pjan ta' Azzjoni b'miżuri ta' mitigazzjoni għall-ktajjen tal-provvista internazzjonali tal-industrija Ewropea tad-difiża – it-tieni nofs tal-2026
6. Taħriġ mill-ġdid ta' 200 000 impjegat għall-industrija tad-difiża sal-2026
7. Il-Fond għall-Kompetittività, it-tieqa għad-difiża, u l-Programm Qafas Orizzont Ewropa huma adottati bħala parti mill-QFP li jmiss u lesti biex joperaw – sa tmiem l-2027

### **Indikaturi:**

Qed jiġi propost li fir-Rapport Annwali dwar il-Prontezza tad-Difiża jintuża dan li ġej bħala indikaturi: Il-kontribut tal-industrija tad-difiża tal-UE-27 għall-perċentwal tal-PDG tal-UE; is-sehem tal-ħaddiema fl-industrija tad-difiża tal-UE-27, inklużi impjegji ġodda maħluqa kull sena; is-sehem ta' faċilitajiet ġodda jew estiżi tal-produzzjoni tad-difiża, l-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE li jappoġġaw l-innovazzjoni fid-difiża, l-għadd ta' privattivi relatati mad-difiża rreġistrati fl-UE, l-għadd ta' kumpaniji start-ups maħluqa u l-għadd ta' unicorns fis-settur tad-difiża.

### ***6 – L-Ukrajna bħala parti ewlenija mill-isforz ta' prontezza tal-Ewropa***

Li l-Ukrajna ssir “porkuspin tal-azzar” – indigeribbli għal invażur potenzjali – huwa importanti għas-sigurtà tal-Ukrajna daqs kemm hu importanti għall-Ewropa. L-isforzi tal-Ewropa għall-prontezza tad-difiża għandhom ikomplu jsaħħu lill-Ukrajna u jiżguraw li l-Ewropa tibbenefika mill-esperjenza tal-kamp tal-battalja tal-Ukrajna, l-inġenwità innovattiva, il-kooperazzjoni ċivili-militari effettiva u l-kapaċità industrijali msaħħa.

L-Istati Membri u l-UE se jikkontribwixxu għal **qafas ta' garanziji tas-sigurtà fit-tul lill-Ukrajna** ibbażat fuq: arranġamenti legali dejjiema; finanzjamenti u provvisti militari prevedibbli fuq diversi snin; integrazzjoni industrijali tad-difiża fl-EDTIB; mekkaniżmi konsultattivi ċari; u fuq rabta għall-adeżjoni tal-Ukrajna mal-UE u r-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra.

Fil-qalba ta' dan hemm **sforz sostnut biex jiġi sfruttat l-Vantaġġ Militari Kwalitattiv tal-Ukrajna** (QME, Qualitative Military Edge). Biex tiżgura l-QME tal-Ukrajna fuq terminu medju, il-Kummissjoni qed taħdem fuq **self marbut mar-reparazzjoni**, iffinanzjat bil-bilanċi tal-flus assoċjati mal-assi Russi immobilizzati. Dan johlq il-finanzjament fuq diversi snin prevedibbli għall-Ukrajna u jiżgura li l-Ukrajna jkollha aċċess immedjat għal fluss kostanti ta' tagħmir militari superjuri, fil-biċċa l-kbira mill-industrija tad-difiża Ewropea u Ukrena, f'konformità mar-rekwiżiti tagħha tal-kamp tal-battalja, li jalimenta **sħubijiet industrijali ma' kumpaniji Ewropej biex jinnowaw u jespandu**. Aktar taħriġ u taħriġ aħjar, bis-saħħa tal-missjoni EUMAM, u għir imtejjeb ta' intelligence se jkun wkoll partijiet essenżjali tal-QME tal-Ukrajna.

It-tħabbira tal-Kummissjoni ta' **Alleanza tad-Droni mal-Ukrajna**, li tista' tiġi appoġġata finanzjarjament minn mekkaniżmi ta' finanzjament differenti inkluż bl-għajnuna tal-antiċipazzjoni ta' EUR 2 biljun mis-self taż-ŻER, turi li dan jista' jaħdem fil-prattika. L-Alleanza tad-Droni se tappoġġa l-ħolqien ta' impriżi konġunti bejn kumpaniji Ukreni u Ewropej barra l-Ukrajna, u tisfrutta t-teknoloġija Ewropea flimkien mal-għarfien u l-esperjenza tal-Ukrajna. L-Ukrajna se tkun ukoll parti sħiħa mill-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji tal-UE, bħal **SAFE u EDIP/Strument ta' Appoġġ għall-Ukrajna (USI, Ukraine Support Instrument)**, sabiex it-tagħmir jiġi akkwistat għall-Ukrajna, mal-Ukrajna u mill-industrija tal-Ukrajna kemm jista' jkun. Skont il-progress, **fil-bidu tal-2026 tista' tiġi kkunsidrata inizjattiva komplementari possibbli ffukata fuq l-Ukrajna** biex jiġu inċentivati aktar sforzi kollaborattivi.

### **Objettivi:**

Huwa propost li l-għan ikun li jiġi żgurat li l-Ukrajna tkun tista' tiddefendi lilha nnifisha u tiskoraġġixxi kwalunkwe aggressjoni Russa futura. L-industrija tad-difiża Ukrena għandha tkun integrata bis-sħiħ ma' dik tal-Ewropa biex tipprowdi espansjoni għall-produzzjoni tal-Ukrajna u tisfrutta l-potenzjal sħiħ tas-suċċessi tal-innovazzjoni tal-Ukrajna għad-difiża Ewropea.

### **Stadji importanti:**

1. Adozzjoni tal-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna fi ħdan l-EDIP u s-“Self marbut mar-reparazzjoni” b'konċessjoni annwali għall-Ukrajna biex tappoġġa l-QME tagħha – sa tmiem l-2025
2. It-twettiq tal-inizjattiva ta' 2 miljun munizzjon tal-artillerija tar-Rappreżentant Għoli – sa tmiem l-2025
3. L-inklużjoni tal-Ukrajna fil-koalizzjonijiet tal-kapaċitajiet rilevanti u t-tnedija tal-alleanza tad-Droni bejn l-UE u l-Ukrajna – sal-ewwel trimestru tal-2026
4. Fid-dawl tal-livell tal-kontribuzzjonijiet tas-SAFE għad-difiża tal-Ukrajna, tivvaluta l-inċentivi addizzjonali possibbli għall-appoġġ tal-Istati Membri lill-Ukrajna – sal-ewwel trimestru tal-2026.
5. Proposti għal miżuri addizzjonali biex jinċentivaw l-appoġġ militari rapidu tal-Istati Membri lill-Ukrajna – sal-ewwel trimestru tal-2026.
6. L-introduzzjoni ta' “Brave Tech EU” inkluż il-finanzjament tal-ittestjar ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-kamp tal-battalja identifikati flimkien mal-UA – sa tmiem l-2026
7. Il-kontinwazzjoni tal-EUMAM, u l-appoġġ lill-Koalizzjoni tal-Partijiet Disposti meta l-kundizzjonijiet jippermettu.

### **Indikaturi:**

Huwa propost li jiġi segwit il-progress, fir-Rapporti Annwali dwar il-Prontezza tad-Difiża billi jiġi mmonitorjat il-volum tal-appoġġ militari ġenerali tal-UE (EUR) lill-Ukrajna, it-total tas-suldati mħarrġa mill-EUMAM, il-volum ta' munizzjon ta' kalibru kbir ikkonsenjat u s-sehem ta' self tas-SAFE li jinvolvi lill-Ukrajna. L-investment dirett totali tal-UE-27 f'UADTIB (EUR) u l-għadd ta' Impriżi Konġunti bejn l-UE u l-UA fid-difiża se jkun koperti wkoll biex jimmonitorjaw l-integrazzjoni tal-industrija tad-difiża Ukrena fl-industrija tad-difiża tal-UE.

### **7 - Faċilitaturi orizzontali**

### Lejn suq reali madwar l-UE kollha għat-tagħmir tad-difiża

**Suq tat-tagħmir tad-difiża tal-UE** ssimplifikat u li jiffunzjona tajjeb huwa kundizzjoni ewlenija biex tinkiseb produzzjoni fuq skala kbira, jinħolqu ekonomiji ta' skala u innovazzjoni fid-difiża. Dan jirrikjedi regoli tal-akkwist tad-difiża effiċjenti, uniformi u ġusti, sistema affidabbli ta' trasferiment intra-UE, reġim robust tas-Sigurtà tal-Provvista, u adozzjoni mifruxa ta' standards rikonoxxuti u rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikazzjoni.

Ir-rieżami tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà għandu jipprovdi lill-Istati Membri bi proċeduri ta' akkwist aġli adattati għall-ħtiġijiet tal-akkwist tagħhom, b'mod partikolari meta jwettqu akkwist konġunt. Iż-żieda fit-trasparenza u l-ftuħ għandha tippermetti lill-industrija tad-difiża tal-UE tipprovdi prodotti u servizzi innovattivi bi prezzijiet kompetittivi, filwaqt li l-prevedibbiltà għandha tgħinhom jiżviluppaw kapaċità ta' produzzjoni addizzjonali. Il-ħolqien ta' suq intern għad-difiża se jirrikjedi fiduċja msaħħa fil-ktajjen tal-provvista transfruntiera intra-UE. **L-Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża** fih proposti biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet. Il-koleġislaturi għandhom jadottawh mhux aktar tard minn tmiem l-2025. Bl-istess mod, il-**"Mini-omnibus"** tad-Difiża għandu jiġi adottat mhux aktar tard minn Diċembru 2025 biex jinċentiva aħjar l-investment relatat mal-industrija tad-difiża qabel il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss.

#### **Objettiv:**

Qed jiġi propost li sal-2030 jinholuq Suq ġenwin madwar l-UE kollha għat-tagħmir tad-Difiża, b'regoli simplifikati u armonizzati.

#### **Stadji importanti:**

1. Tiġi ffinalizzata l-adozzjoni ta' Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża u l-"mini" Omnibus – sa tmiem l-2025
2. Tiffinalizza azzjoni leġislattiva addizzjonali għas-Suq Uniku, b'mod partikolari l-evalwazzjoni tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku u t-Trasferimenti intra-UE – sa tmiem l-2026

### Lejn żona ta' mobbiltà militari madwar l-UE kollha

**Il-mobbiltà militari hija faċilitatur kruċjali** biex jiġu żgurati s-sigurtà u d-difiża Ewropea, inkluż għall-appoġġ tal-UE lill-Ukrajna. Għadu diffiċli wisq li jiġu mċaqalqa truppi u tagħmir militari madwar l-Ewropa, kif muri mill-eżerċizzji mal-Istati Membri. Fl-2024, nofs l-Istati Membri biss kienu konformi bis-sħiħ mal-impenn ta' 5 ijiem ta' xogħol. L-UE identifikat aktar minn 500 proġett "hotspot" bi ħtiġijiet ta' investment ta' madwar EUR 100 biljun. Dawn iridu jiġu indirizzati bħala kwistjoni ta' prijorità biex jitneħħew il-lakuni u l-konġestjonijiet ewlenin tul l-erba' kurituri prijoritarji tal-mobbiltà militari. In-Naħa tal-Lvant hija partikolarment esposta għan-nuqqas ta' networks tat-trasport trans-Ewropej kontinwi u interoperabbli. Biex jitmexxa l-progress, f'Novembru se jiġi ppreżentat **pakkett ambizzjuż dwar il-Mobbiltà Militari**, inklużi proposti biex jiġi stabbilit qafas regolatorju unifikat biex jiġi ffaċilitat it-trasport ta' tagħmir, merkanzija u passiġġieri għal skopijiet militari jew ta' protezzjoni ċivili madwar l-Ewropa, u emendi mmirati għal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE biex jiġu akkomodati aħjar ir-rekwiżiti tal-mobbiltà militari għall-infrastruttura b'użu doppju.



## Objettivi:

Huwa propost li sa tmiem l-2027 tiġi stabbilita żona ta' mobbiltà militari madwar l-UE kollha, b'regoli u proċeduri armonizzati u network ta' kurituri tal-art, ajruporti, portijiet marittimi, u elementi ta' appoġġ li jiżguraw trasport mingħajr xkiel ta' truppi u tagħmir militari madwar l-Unjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib man-NATO, u li tingħata spinta lid-disponibbiltà tal-kapaċitajiet tat-trasport ċivili-mil.

## Stadji importanti:

1. Preżentazzjoni tal-pakkett dwar il-Mobbiltà Militari – qabel tmiem l-2025
2. L-identifikazzjoni u l-prijoritizzazzjoni ta' proġetti hotspot konkreti tal-mobbiltà militari tul il-Kurituri tal-Mobbiltà Militari — sal-ewwel trimestru tal-2026
3. Il-koleġislaturi jadottaw il-Pakkett dwar il-Mobbiltà Militari – sa tmiem l-2026
4. Tieqa għida għall-mobbiltà Militari fi ħdan il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa adottata u operazzjonali – sa tmiem l-2027

## Indikaturi:

Huwa propost li r-Rapport Annwali dwar il-Prontezza tad-Difiża jirrapporta dwar l-impenji meħuda mill-Istati Membri biex jiżguraw li l-ħruġ ta' permessi ta' moviment għat-truppi u t-tagħmir ikun rapidu kemm jista' jkun (bejn 3 sa 5 ijiem ta' xogħol); l-għadd ta' proġetti hotspot appoġġati b'finanzjament mill-UE; il-perċentwal tal-baġit tal-Mobbiltà Militari tal-FNE żborżat; u l-għadd ta' proġetti ta' Mobbiltà Militari appoġġati mill-Grupp tal-BEL.

### L-iżgurar ta' riżorsi finanzjarji u investiment adegwati

Skont il-QFP attwali, l-istrumenti tal-UE li jappoġġaw l-industrija tad-difiża wrew il-valur miżjud tagħhom. Il-**Fond Ewropew għad-Difiża** (EDF, European Defence Fund) issa huwa t-tielet investitur fir-R&Ż fil-qasam tad-difiża fl-UE u, b'ammonti limitati, l-**Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP, Act in Support of Ammunition Production)** u l-istrument tad-difiża fuq medda qasira dwar l-akkwist pubbliku (**EDIRPA, Short-term Defence instrument on common procurement**) jikkontribwixxu għat-tnaqqis tan-nuqqasijiet kritiċi u ingranaw investiment addizzjonali mill-industrija u mill-Istati Membri ta' aktar minn EUR 12-il biljun. Ladarba jkun fis-seħħ, l-**EDIP** se joffri għodod speċifiċi ġodda għat-twassil ta' kapaċitajiet addizzjonali, inklużi proġetti ewlenin, bħall-Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCIs, European Defence Projects of Common Interest) jew l-Istrutturi għall-Programm Ewropew dwar -Armamenti (SEAP).

L-attivazzjoni tal-**Klawżola liberatorja Nazzjonali (NEC, national escape clause)** tat spazju fiskali addizzjonali lil 16-il Stat Membru s'issa biex ikomplu jżidu l-infiq tagħhom fid-difiża. L-istrument ta' **Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE, Security Action for Europe)** ġie sottoskritt bis-sħiħ minn 19-il Stat Membru, u eżawrixxa l-pakkett ta' EUR 150 biljun. Barra minn hekk, wara r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrumenti tal-Politika ta' Koeżjoni, l-Istati Membri u r-reġjuni jistgħu jallokaw mill-ġdid il-fondi ta' koeżjoni għal investimenti relatati mad-difiża inkluża l-mobbiltà militari, li jibbenefikaw minn flessibbiltà oġġla u rati ta' qabel u ta' kofinanzjament u r-reġjuni tal-UE li jmissu mal-Ukrajna se jirċievu wkoll appoġġ immirat bħal dawk li jmissu mar-Russja u l-Belarużja.

Fil-QFP li jmiss, il-Kummissjoni pproponiet li **żżid b'mod sostanzjali l-baġit għad-difiża u l-ispazju**. Fi ħdan il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, id-difiża u l-ispazju jibbenefikaw minn tiegħa ta' EUR 131 biljun biex tappoġġa l-isforzi fit-tul tal-Istati Membri biex jiksibu il-prontezza tad-difiża. Fi ħdan il-Programm Qafas Orizzont Ewropa azzjonijiet b'użu doppju jkunu eliġibbli għal appoġġ mill-baġit ta' EUR 175 biljun, u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni jkun jista' jappoġġa l-innovazzjoni f'teknoloġiji kritiċi b'enfasi fuq l-applikazzjonijiet tad-difiża. Barra minn hekk, il-baġit tal-**Mobbiltà Militari** jiżdied minn EUR 1,76 biljun (diġà furnuti minn qabel u allokat bis-sħiħ sal-bidu tal-2024) għal EUR 17,65 biljun.

Il-flussi tal-kapital privat lejn id-difiża huma ugwalment importanti. Il-progress lejn **Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti** fl-Ewropa se jgħin biex il-kapital privat fit-tul jiġi dirett lejn l-investment, l-innovazzjoni u l-infrastruttura tad-difiża. Dan l-aħħar il-**Grupp tal-BEI** żied b'mod sostanzjali l-finanzjament tiegħu ta' proġetti relatati mad-difiża, inkluża l-infrastruttura, biex jappoġġa aktar l-industrija tad-difiża Ewropea u jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-kapaċità tad-difiża u l-prijoritajiet teknoloġiċi tal-UE. Dan se jibgħat sinjal qawwi lis-swieq.

### **Objettivi:**

Qed jiġi propost li tiġi inċentivata żieda fl-investment privat u pubbliku fid-difiża u li jinkisbu effiċjenza u impatt massimi għall-appoġġ iffinanzjat mill-UE.

### **Stadji importanti:**

1. Flimkien mal-BEI/FEI, jinholq Fond ta' fondi (ekwità) sa EUR 1 biljun li jappoġġa t-tkabbir rapidu ta' kumpaniji scale-ups relatati mad-difiża u proġetti relatati mad-difiża – sal-ewwel trimestru tal-2026
2. L-istrumenti l-ġodda tal-QFP huma approvati u operattivi sa tmiem l-2027
3. SAFE hija mill-inqas 50 % żborżata sat-tielet trimestru tal-2028

### **Indikaturi:**

Ir-rapport annwali dwar il-prontezza tad-difiża jista' jinkludi indikaturi speċifiċi dwar il-proporzjon tal-investment pubbliku-privat fid-difiża u dwar l-evoluzzjoni annwali tal-appoġġ tal-Grupp tal-BEI għas-sigurtà u d-difiża.

### **8 – It-triq 'il quddiem: it-triq lejn l-2030**

L-Ewropa teħtieġ azzjoni urġenti biex tindirizza theddida li qed tikber. L-Istati Membri biddlu r-ritmu tagħhom. L-investment fid-difiża żdied. Ir-Regolament SAFE ġie approvat f'żmien rekord u l-pakkett kollu ta' EUR 150 biljun huwa sottoskritt bis-sħiħ. Ġie ppreżentat l-Omnibus dwar il-prontezza tad-difiża. Il-ħidma għaddejja ġmiela. Meta l-Ewropa taħdem b'sens ta' urġenza, ir-riżultati jinkisbu.

Il-bini ta' prontezza tad-difiża tal-UE kredibbli f'5 snin huwa, bi kwalunkwe standard, sforz ambizzjuż. Iżda jekk niksibu ċarezza dwar l-għanijiet, inqas l-oġettivi tagħna mar-riżorsi meħtieġa, naġixxu b'mod koordinat u naħdmu kontra skedi ta' żmien preċiżi, dan jista' jinkiseb.

Il-proġetti l-aktar ta' suċċess tal-Ewropa, is-Suq Uniku jew l-euro, twettqu b'dan il-metodu, ibbażat fuq programm fuq diversi snin f'fażijiet differenti u direzzjoni politika kostanti biex il-proċess jitmexxa 'l quddiem. L-istess loġika għandha tixpruna l-qabża fil-politika tad-difiża tal-Ewropa.

Dan il-Pjan Direzzjonali jistabbilixxi objettivi ċari għall-2030, jidentifika oqsma fejn hija meħtieġa azzjoni rapida u sostnuta u jistabbilixxi stadji importanti kollettivi tanġibbli.

Biex iżomm il-momentum, il-Kunsill Ewropew jeħtieġ li jipprovdi direzzjoni politika regolari, li jsegwi l-progress fuq bażi annwali u jirrakkomanda azzjonijiet ta' prijetà.

L-Ewropa diġà teħtieġ li taqbel dwar proġetti, investiment u kuntratti, għall-prontezza tagħha sal-2030.

Il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli jistiednu lill-Kunsill Ewropew biex japprova l-proposti ewlenin li jinsabu f'dan il-Pjan Direzzjonali u biex jipprovdi l-orjentazzjoni politika għall-progress lejn il-prontezza sal-2030 permezz tal-għanijiet proposti.